MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 347/2005

**Gasan Mamo Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Old Fashion Limited**
**Vs**
**Sea Malta Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta attrici nhar it-t-tmienja (8) ta’ Gunju 2005 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef sitt mija erbgha u sittin lira u tmien centezmi Maltin (LM4,664.08) rapprezentanti danni w nuqqasijiet sofferti mill-assigurata tas-socjeta attrici f’konsenja ta’ 2667 *packages* li waslu Malta fil-hdax (11) ta’ Ottubru 2004 abbord il-vapur *MV Maltese Falcon* w ghal liema danni u nuqqasijiet l-assigurata giet kumpensata mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti-

1. Illi hija ma tahtix ghad-danni reklamati mill-attur.

2. Bla pregudizzju illi hi ma ghandha taghti xejn lill-atturi.
3. Bla pregudizzju noltre li l-eccipjenti ma ghandha l-ebda relazzjoni mal-kumpanija *One Fashion Limited*.
4. Illi bla pregudizzju w in oltre ghas-suespost, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

**Arthur Taliana** prodott mis-socjeta attrici xehed nhar is-sittax (16) ta' Frar 2006 u spjega li huwa jahdem bhala *surveyor* mad-ditta 'Castille Surveyors' u kien ghamel survey ghan-nom tas-socjeta attrici, dwar diversi pakketti li kienu waslu Malta fil-hdax (11) t'Ottubru 2004 fuq il-vapur *MV Maltese Falcon* operat mis-socjeta konvenuta. Huwa esebixxa kopja ta' dan is-*survey* li gie markat bhala Dok. AT 1. Dan kien jikkonsisti fil-fatt li l- *container* operat mis-socjeta 'Express Trailers' bin-numru ETM 132 kellu jwassal Malta dsatax il-kaxxa t'oggetti t'ilbies *casual wear*. Spjega li meta mar fuq il-post indikat lilu f'Hal Far sab li l-*container* kien diga miftuh u l-pakketti illi kienu qieghdin lesti biex johodhom ir-ricevitur kienu diga mahruga minn gol-*container* u kienu diga attendew Paul Ellul ghan-nom ta' 'Express Trailers', Joe Buhagiar bhala *surveyor* ghan-nom tas-'Sea Malta' u Tarcisio Vella li kien ir-ricevitur ta' dawn l-oggetti. Qal li minn dak li kkonstata rrizultalu li mid-dsatax-il pakkett li kellhom jaslu Malta, fil-fatt waslu biss disgha pakketti mimlija u zewg pakketti mqattghin u vojta. Innota li kien hemm tmien pakketti nieqsa. Jghid li fil-fatt, Tarcisio Vella u Paul Ellul kienu nfurmawh li s-sigill tal-*container* li ikun hemm meta l-*container* jitlaq minn barra kien nieqes u minfloku kien hemm sigill temporanju maghmul mis-socjeta konvenuta. Fil-fatt dan il-fatt huwa deskritt fir-rapport tieghu, fil-ghaxar paragrafu. Jghid ukoll li kien talab li r-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta x'kien in-numru tas-sigill li gie mpoggi fuq il-*container* izda ma kellhomx informazzjoni dwaru.

**Kurt Caruana** xehed nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2006. Spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' 'Claims Handler' mas-socjeta attrici u li fit-tlettax (13) t'Ottubru kien cempillu Tarcisio Vella Direttur tas-socjeta 'One Fashion Limited' u dan infurmah li l-merkanzija li kienet assigurata maghhom

kienet waslet Malta fuq il-vapur *Maltese Falcon* u kien sab illi kien hemm numru ta' pakketti nieqsa. Huma ghalhekk minnufih qabdu bhala *surveyor* lil Arthur Taliana u dan hejja s-*survey* esebit fl-atti. Huma sussegwentement kienu hargu pagament fl-ammont t'erbat elef sitt mija erbgha u erbghin lira u tmien centezmi Maltin (LM4,644.08) u tawh lis-socjeta 'One Fashion Limited', rapprezentanti din is-somma telf ta' merkanzija li kellhom l-assigurati taghhom w ghalhekk huma gew surrogati fid-drittijiet taghha u li kien a bazi ta' din is-surroga li ghamlu din il-kawza. Jispjega li wara li ghamlu dan il-hlas, huma fethu *claim* mas-socjeta konvenuta u zammewha responsabbli ghad-danni li huma sofrew.

**Tarcisio Vella** xehed nhar is-sitta w ghoxrin (26) t'Ottubru 2006, u dan fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-socjeta 'One Fashion Limited'. Spjega li s-socjeta tieghu kienet qed tistenna merkanzija li kellha tasal Malta abbord il-vapur *Maltese Falcon* nhar il-hdax (11) t'Otubru 2004. Qal li din il-merkanzija kienet tikkonsisti fi hwejjeg li kienu gejjin mill-Italja. Qal li l-burdnar li kien gie mqabbad minnu, mill-ewwel infurmah li kien hemm xi kaxxi neqsin skond il-manifest li kellu w ghalhekk irraporta dan il-kaz lill-assikuraturi tieghu li minn naha taghhom ghamlu *survey* relattiv. Jghid li huwa mbaghad, flimkien mas-*surveyor,* ikkalkulaw x'kienet id-differenza tal-merkanzija li waslet ma dik li kellha tasal w irrizultalhom li d-danni li kienet ser issofri s-socjeta tieghu, kien jammonta ghas-somma ta' erbat elef sitt mija erbgha u erbghin lira u tmien centezmi Maltin (LM4,644.08). Appena huwa rcieva dan il-hlas minghand is-socjeta attrici, huwa ssurroga lill-istess socjeta attici fid-drittijiet li kellu hu fil-konfront ta' l-istess socjeta konvenuta. Huwa esebixxa kopja tad-*discharge notice* iffirmata minnu li giet markata bhala Dok. TV 1.

Illi nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Ottubru 2006 is-socjeta attrici pprezentat zewg affidavits t'Antoine Vella li gie markat bhala Dok. GM 1, u dik ta' Joseph Jones li gie esebit bhala Dok. GM 2.

**Antoine Vella** jghid li huwa ghandu l-kariga ta' Operations Manager mas-socjeta 'Express Trailers Limited'. Spjega li f'Ottubru 2004, is-socjeta 'Express Trailers' kienet inkarigata minn 'Exit Limited' sabiex iggib gewwa Malta konsenja hwejjeg mill-Italja ghal Malta. Din il-konsenja

kienet tikkonsisti f'2667 pakkett u x-xufier taghha ghabba l-konsenja minn Milan fuq *trailer groupage* numru ETM132. Dan it-*trailer* gie issigilat mix-xufier w inghata numru RM20090 (Ara Dok. AV1)

It-*trailer* in kwistjoni baqa' sejjer minn Milan ghal Genoa fejn kellu jitla abord il-vapur tas-socjeta 'Sea Malta' u cioe *MV Maltese Falcon*. Is-'Sea Malta' tat struzzjonijiet li t-*trailers* li kellhom jitghabbew, kellhom jiddahhlu gewwa il-'Multipurpose Terminal'. It-*trailer* dahal gewwa dan it-*Terminal* bl-istess sigill li kellu qabel u cioe numru RM20090 (ara dok. AV2). It-*trailer* sussegwentement tghabba fuq il-vapur *MV Maltese Falcon* w ingieb Malta.

Il-konsenja in kwistjoni waslet Malta nhar il-hdax (11) t'Otubru 2004, u meta it-*trailer* nizel minn fuq il-vapur, dan kellu sigill differenti u cioe nunmru differenti u cioe 06563. Appena wasal Malta il-*bond operator* taghhom, certu Joseph Jones fetah it-*trailer* u minnufih induna li kien intmiss il-kontenut tieghu, minhabba il-mod kif kienu mitfuha l-affarijiet u l-kaxxi gewwa t-*trailer*. Barra minn hekk induna li s-sigill kien nieqes u kien hemm hafna *pilferages*. Huma ghalhekk minnufih infurmaw lis-socjeta assiguratrici taghhom u cioe lis-socjeta attrici u din minn naha taghha ordnat *survey report* li effettivament sar mis-*surveyor* Paul Ellul u dan sabiex jaghmel *survey* ta' dak li effettivament kien sab.

Jghid illi huma zammew lis-socjeta konvenuta responsabbli ghad-danni li sofrew ghaliex huma kienu dahlu t-*trailer* issigillat gewwa l-'Multipurpose Terminal' u dan nizel minn fuq il-vapur minghajr is-sigill. Irrizultalhom ghalhekk li l-merkanzija giet nieqsa wara l-mument li t-*trailer* iddahhal gewwa l-'Multipurpose Terminal', u cioe meta kien jaqa' taht ir-responsabilita tas-socjeta konvenuta.

Illi fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Otubru 2004, impjegata tas-socjeta minnu rapprezentata, u cioe Jeannette Azzopardi, kienet baghtet *e mail* lil Claire Brincat tas-'Sea Malta' sabiex taghti xi forma ta' dokumentazzjoni li turi li t-*trailer* wasal Malta issiggilat. Minn naha taghha pero, Claire Brincat, fl-ewwel (1) ta' Novembru 2004 ikkonfermat li ma kien hemm l-ebda *seal numbers* miktuba fuq it-*tally sheet* taghhom.

Illi mis-*survey* maghmul minn Paul Ellul, irrizulta li mid-dsatax il-pakkett formanti l-konsenja taghhom, disgha minnhom kienu waslu intatti, kaxxa numru ‘3’ u ‘4’ kienu mqattajn u kompletament vojta. Dawn il-pakketti kienu gew stivati fuq in-naha ta’ wara tat-*trailer*. Barra minn hekk kien hemm pakketti neqsin mill-konsenja.

Fl-affidavit tieghu, **Antoine Vella** stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta’ Operations Manager mas-socjeta ‘Express Trailers Limited’. Ikkonferma li f’Ottubru 2004 is-socjeta ‘Express Trailers Limited’ kienet giet inkarigata minn ‘Exit Limited’ sabiex iggib gewwa Malta konsenja konsistenti fi hwejjeg mill-Italja ghal Malta. Il-konsenja kellha tikkonsisti f 2667 pakkett u x-xufier tieghu, ghabba il-konsenja minn Milan gewwa *trailer* numru ETM 132. Dan kien *groupage trailer*, It-*trailer* gie issiggilat fil-presenza tax-xufier u s-sigill inghata n-numru RM20090 (ara Dok. AV1). It-*trailer* baqa’ sejjer minn Milan ghal Genoa, fejn kellu jitla fuq il-vapur tas-‘Sea Malta’. Is-socjeta ‘Sea Malta’ tat struzzjonijiet li t-*trailers* li jkunu ser jitghabbew, ghandhom jiddahhlu gewwa l-‘Multipurpose Terminal’. Barra minnhekk huwa l-post minn fejn jopera l-vapur tas-‘Sea Malta’. It-*trailer* dahal gewwa l-‘Multipurpose Terminal’ bl-istess sigill li kellu qabel (ara Dok. AV2). It-*trailer* sussegwentement tghabba fuq il-vapur *MV Maltese Falcon* w ingieb Malta.

Ikkonferma li l-konsenja waslet Malta nhar il-hdax (11) t’Ottubru 2004 u t-*trailer* meta nizel minn fuq il-vapur, kellu sigill numru differenti u cioe 06563. Meta wasal Malta il-*bond operator* taghhom, certu Joseph Jones, fetah it-*trailer* u mill-ewwel induna li kien intmess minhabba il-mod kif kienu mitfughin l-affarijiet u l-kaxxi gewwa it-*trailer*. Barra minnhekk ighid li, apparti li s-sigill kien nieqes kien hemm hafna *pilferages.* Ikkonferma li minnufih ghamlu kuntat mas-*surveyor* taghhom, certu Paul Ellul, sabiex ihejji *survey report*. Huma zammew is-socjeta konvenuta responsabbli peress li huma dahlu it-*trailer* fil-‘Multipurpose Terminal’ b’sigill u t-*trailer* wasal Malta b’sigill iehor w ghalhekk l-merkanzija giet nieqsa f’dak iz-zmien, waqt li t-*trailer* kien fil-‘Multipurpose Terminal’ taht ir-responsabilita tas-socjeta konvenuta. Qal li huma rcevew komunikazzjoni minghand is-socjeta konvenuta u

gew infurmati li ma kien hemm l-ebda numru ta’ sigill miktub fuq it-*tally sheet* taghhom.
Jikkonferma wkoll li s-*surveyor* Paul Ellul ikkonferma fir-rapport tieghu li kien hemm numru ta’ pakketti li ma waslux u ohrajn li kienu vojta u mqattghin. Ir-rapport tas-*surveyor* jispjega d-dettalji kollha ta’ dak li sab meta spezzjona l-merkanzija.
**Joseph Bugeja** manager tas-socjeta konvenuta li illum tinsab f’likwidazzjoni, jghid li minn ezami tal-*file* relattiv jirrizultalu li Claire Brincat, impjegata mas-socjeta konvenuta, kienet ikkomunikat mas-socjeta ‘Express Trailers’ fuq il-kaz mertu tal-kawza odjerna, u mid-dokumentazzjoni li ghandu jghid li t-*trailer* kien nizel minn fuq il-vapur taghhom issiggillat u dan kif jirrizulta mid-Dok. AV 3 esebit fl-atti mis-socjeta attrici. Is-socjeta konvenuta kienet garret *one unit trailer groupage*. Kienet irceviet il-merkanzija fil-port ta’ Genoa u gabitu Malta. Fil-fehma tieghu jispjega, li r-responsbilita tal-vapur tibda mir-rampa tal-vapur ‘l gewwa, u malli t-*trailer* jinzel minn fuq il-vapur, u jmiss ir-rampa, dan jaqa’ fir-responsabilita tal-‘Cargo Handling’. Fil-fehma tieghu ma hemm l-ebda kumment fuq il-*tally sheet* w ghalhekk ighid, li ma kien hemm l-ebda problema fil-merkanzija li waslet tant li t-*trailer* gie *released*.
Nhar l-erbatax (14) ta’ Mejju 2007 x-xhud esebixxa il-*Bill of Lading* li gie mmarkat bhala Dok, SMA 2 datat disgha (9) t’ Ottubru 2004. Dan jirreferi ghal garr tat-*trailer* EM 132 *groupage cargo*. Huwa esebixxa ukoll *loading report* mahrug f’Genoa mahrug mis-socjeta ‘Compagnia Unica’ fuq il-vapur *Maltese Falcon*. Dan id-dokument juri li l-*Container* Em 132 gie sigillat abbord, jigifieri li huma ircevew il-*container* abbord, minghajr sigilli. Fil-fatt kien waqt il-*loading* is-socjeta konvenuta ghamlitlu s-sigill numru 6563. Mistoqsi jekk in-numru tas-sigill huwiex indikat fuq il-*Bill of Lading* huwa wiegeb li dan id-dokument huwa ppreparat mis-*shipper* gewwa l-Italja u juri n-numru tas-sigill RM20090. Stqarr li qabel ma gie mghobbi l-*container*, dan kien gewwa it-*Terminal* taht ir-rapprezentanza tas-socjeta ‘Compagnia Unica’. Mistoqsi jispjega x’relazzjoni ghandha is-socjeta ‘Compagnia Unica’ mas-socjeta konvenuta, spjega li s-socjeta ‘Compagnia Unica’ kienet t-*Terminal Operator* waqt li

huma ghabbew l-*container* in kwistjoni. Jghid pero li mhumiex agenti taghha.

Nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2008 huwa rega' xehed u kkonferma li l-*Bill of Lading* esebit fl-atti a fol. 54 u mmarkat bhala Dok. SMA 2, huwa dak li jikkoncerna l-merkanzija li dwarha saret din il-kawza. Stqarr li fuq dan id-dokument ma hemm l-ebda rimarka dwar il-*container* EM132. Spjega li l-*loading report* isir meta il-*container* ikun fuq ir-rampa tal-vapur. Qal li vera l-*container* sarlu sigill gdid waqt li kien fuq ir-rampa, izda dan sar ghaliex huwa r-responsabilita tal-vapur li jara li kull *container* ikollu sigill. Huwa kkonferma li verament is-socjeta konvenuta taghti x-xoghol taghha lil 'Multipurpose Terminal'.

**Ronald Pellegrini** xehed nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2007 u dan in rapprezentanza tas-socjeta 'Cargo Handling'. Huwa pprezenta *gate pass out* datat hdax (11) t'Ottubru 2004 in konnessjoni mal-vettura EHQ 126 rigward il-vapur *Maltese Falcon*, dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. SMA. Spjega li dan id-dokument gie mmarkat minn certu Sultana, impjegat tas-socjeta 'Cargo Handling' w ikkonferma li ma kienx prezenti ghall-*ebda release*.

**John Vella** xehed nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2007 ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana u spjega li peress li t-*trailer* EM132 kien gej mill-Italja dan kien jaqa' taht *free circulation* u konsegwentement huma ma jzommux dokumentazzjoni ta' tali merkanzija li tasal f'dawn it-tip ta' *containers*.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti u mhux kontestati jirrizulta li s-socjeta 'One Fashion Limited' kienet ikkarigat lis-socjeta konvenuta sabiex tiehu hsieb tikkonsejalha numru ta' kaxxi, konsistenti fi hwejjeg mill-Italja ghal Malta. Illi s-socjeta 'One Fashion Limited' kienet harget polza ta sigurta mas-socjeta attrici ghal tali konsenja. Jirrizulta li meta l-konsenja waslet Malta nhar il-hdax (11) ta' Ottubru 2004 kien hemm numru ta' kaxxi li ma waslux, w ohrajn li kienu vojta u mghafgin, u b'hekk hija sofriet danni fl-ammont reklamat fl-avviz. Ghalhekk, in segwitu hija daret fuq is-socjeta attrici sabiex thallasha dawn id-danni u wara li s-socjeta attrici ghamlet il-verifiki taghha rrizultalha li verament kien hemm dawn id-danni, w

ghalhekk halsitha u sussegwentement giet surrogata fid-drittijiet taghha skond is-surroga esebita a fol. 34 markata bhala Dok. TV.
Illi minn ezami tad-dokumenti jirrizulta li s-socjeta 'Express Trailers Limited' kienet giet inkarigata sabiex permezz tat-*trailer* numru EM 132, hija kellha tigbor xi merkanzija konsistenti f'2667 pakkett minn Cormano, Milan u tpogga is-sigill numru RM20090 fuq il-*container* (vide fol. 27 dok. AV1). Dan il-*container* thalla fil-'Multipurpose Terminal' fuq struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta.
Issa skond id-dokument *gate pass out* esebit a fol. 55 markat Dok. SMA 3, jirrizulta li l-*container* 132 gie ssigillat abbord w inghata numru differenti, u cioe 6563 qabel ma wasal Malta. Ghalhekk m'hemmx dubbju li dan il-*container* ghamel xi zmien gewwa il-'Multipurpose Terminal' minghajr sigill, u l-probabilita hi, li n-nuqqasijiet sehhew f'dak iz-zmien.
Jirrizulta minn apprezzament tal-provi, li s-socjeta attrici qeghda tghid li s-socjeta konvenuta hija responsabbli peress li l-'Multipurpose Terminal' gie maghzul bhala it-*terminal* fejn l-'Express Trailers' kellhom ihallu l-*container* minnha u kien hemmhekk fejn sehhew in-nuqqasijiet u bhala tali ghandha terfa' r-responsabilita.
Minn naha l-ohra s-socjeta konvenuta tghid li mhiex responsabbli ghaliex ir-responsabilita taghha hija minn port ghal port. Hija ssostni li galadarba l-*container* telgha abbord il-vapur *Maltese Falcon* b'sigill u wasal Malta bl-istess sigill, allura hija mhiex responsabbli ghal dak li gara qabel.
Ikkunsidrat.
Jidher li huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-hsara u s-serq sar fil-port ta' Genoa meta it-*trailer* kien taht il-kontroll tal-operatur esteru l-'Multipurpose Terminal'. Illi skond ix-xhud Antoine Vella, li huwa l-*operations manager* tas-socjeta 'Express Trailers', is-socjeta konvenuta tat struzzjonijiet li t-*trailers* li jkunu se jitghabbew fuq il-vapur tas-'Sea Malta', ghandhom jiddahhlu gewwa il-'Multipurpose Terminal', li huwa l-post minn fejn topera l-istess socjeta konvenuta.
Ghalhekk il-kwistjoni li ghandha tindaga din il-Qorti hija sa fejn hija responsabbli s-socjeta konvenuta ghall-agir jew nuqqas tas-socjeta 'Compagnia Unico' gewwa Genoa.

Jirrizulta li meta s-socjeta 'Express Trailers Limited' wassal it-*trailer* gewwa Genoa hija ma kientx libera li thalli dan it-*trailer* taht il-kustodja ta' kwalunkwe burdnar li dehrilha hi, imma kienet taht l-istruzzjonijiet specifici tas-socjeta konvenuta li ddahlu gewwa il-'Multipurpose Terminal' sabiex wara jingar ghal Malta minnha. Issa dan it-*terminal* bhala depozitarju kellu l-obbligu li jircievi l-oggett, tikkustodih u troddu lura kif inhu, r-responsabilita ta' tali depozitu, bla dubju waqa f'idejn id-depozitarju.

Jirrizulta, u mhux kontestat, li s-socjeta konvenuta kienet il-principal ta' dan it-*terminal* w ghalhekk kellha r-responsabilita tara li l-oggett jasal Malta fl-istess kundizzjoni li gie imholli ghandha. L-obbligu tas-socjeta konvenuta ma kienx jibda biss fil-mument li it-*trailer* tela' fuq il-vapur, kif donnu sostna l-avukat difensur tas-socjeta konvenuta, izda fil-mument li gie taht il-kustodja tat-*terminal* maghzul minnha.

Issa jekk is-socjeta konvenuta thoss li dan it-*terminal* naqas fl-obbligi tieghu, allura jispetta lill-istess socjeta konvenuta tfittex lil dan it-*terminal*. L-attur m'ghandhux ghalfejn jidhol fil-kwistjoni bejniethom.

Skond is-sentenza moghtija nhar l-erbatax (14) t'Ottubru 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Agius Agricultural Trading limited vs Concorde International freight Forwarders Limited'** **'*min igorr il-merkanzija huwa responsabbli ghal upkeep taghha*.'**

Il-Qorti tghamel referenza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar is-sbatax (17) ta' Novembru 2004 fl-ismijiet **'GasanMamo Agency Limitet et noe vs Sea Malta Limited pro et noe'** citata mis-socjeta attrici fejn inghad li:-

'*Fil-kaz partikolari l-obbligu tas-socjeta konvenuta tal-garr tal-merkanzija ma kienx jibda biss mill-mument li fih it-trailer tghabba fuq il-vapur izda kien jinvolvi ukoll il-fazi anecidenti ghall-isess tghabija meta it-trailer kien taht il-kura u harsien ta' –operatur portwali taghha u li mieghu hi volontajament ikkuntrattat. Jekk hi jidhrilha, kif hekk fil-fatt jirrizulta gja mill-atti, li ghandha zzomm dan l-operatur taghha responsabbli ghan-negligenza tieghu, qua depozitarju tal-kariku, dan tista taghmlu liberament, imam dan ma igibx ukoll illi hi skansata minn htija fil-konfront ta' l-importatur tal-merce jew ta' l-assigurat tieghu.'*

Illi ghalhekk m'hemmx dibbju li hija s-socjeta konvenuta li ghandha tirrispondi ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici bhala assikuratrici tas-socjeta 'One Fashion Limited' kif surrogata fid-drittijiet taghha skond id-Dok. TV. Illi ma jirrizultax mill-atti proceswali li s-socjeta kkontestat is-*survey report* esebit fl-atti rigward l-ammont qua valur tad-danni sofferti mis-socjeta 'One Fashion Limited'.

Ghaldaqstant, filwaqt li l-Qorti qed tilqa it-talba tas-socjeta attrici sabiex tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef tmien mija disgha w sittin (10869) Euro rapprezentanti s-somma ta' erbat elef sitt mija erbgha u sittin lira u tmien centezmi Maltin (LM4,664.08) qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mis-socjeta konvenuta u bl-imghax skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------